MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 745/2007

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA) – Employers’ Association Numbers**

**vs**

**British Airways plc – Reg No: OC 79; u International Air Transport Association ghal kull interess li jista’ jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Federated Association of Travel and Tourism Agents fejn din, wara li ppremetiet illi:

L-Assocjazzjoni rikorrenti tirraprezenta l-interessi kummercjali tal-Agenti tal-Ivjaggar, operaturi f’Malta, membri tal-FATTA liema Agenti ghandhom kuntratt maghruf bhala il-*Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA), mas-socjeta’ intimata li hija linja tal-ajru ewlenija

Ingliza u dan sabiex ikun regolat is-servizz li l-istess Agenti jipprovdu lis-socjeta’ intimata dwar bejgh ta’ biljetti tal-ajru lil kull min ikun jixtieq isiefer mas-socjeta’ intimata;

L-Agenti tal-Ivjaggar ircevew ittra minghand is-socjeta’ intimata datata 27 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha, filwaqt li saret referenza ghal fuq imsemmi *Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA), infurmathom illi b’effett mill-1 ta’ Lulju 2007 kien ser isehh tnaqqis fir-rata tal-kummissjoni pagabbli mis-socjeta’ intimata lill-istess agenti tal-ivjaggar, u cioe’ tnaqqis minn 4% ghal 1% fuq kull biljett tal-ajru tas-socjeta’ intimata li jinbiegh;

Tali decizjoni da parti tas-socjeta’ intimata hija kkonsidrata bhala wahda unilaterali, arbitrarja u ta’ abbuz ta’ dominanza mis-socjeta’ intimata stante li l-kummissjoni ta’ 1% pagabbli lilhom ser tkun wahda redikola ghall-ahhar u finanzjarjament mhux vijabbli;

Fil-verita’ tant il-kummissjoni ta’ 1% hija wahda redikola ghall-ahhar u finanzjarjament mhux vijabbli, li bhala ezempju, fuq biljett tal-ajru li agent tal-ivjaggar ibiegh ghas-socjeta’ intimata lill-passiggier li jkun ser isiefer lejn Londra bir-ritorn ghall-prezz ta’ hamsa u tletin Lira Maltin (Lm35) – eskluz *charges* u taxxi fuq l-istess biljett li jammontaw ghal cirka hamsin Lira Maltija (Lm50) u li fuqhom il-kummissjoni mhux applikabbli – l-agent tal-ivjaggar ser jibda jaqla’ hamsa u tletin centezmu (Lm0.35);

L-agenti tal-ivvjaggar isostnu li tali sitwazzjoni ma tista’ qatt tkun accettata aktar u aktar meta s-socjeta’ intimata, bhala linja tal-ajru ewlenija, appuntu ghazlet li tikser Resoluzzjoni Numru 818 tal-*Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA) li wara kollox kien minnha ffirmat, specifikatament Artikolu Numru 9, li jikkontempla li kull agent tal-ivjaggar ghandu jkun mhallas rinumerazzjoni ghas-servizz rez minnu ghal-linja tal-ajru;

In oltre s-socjeta’ intimata qieghda ukoll ikkunsidrata li qed tikser Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi *Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA) specifikatament sub-

artikolu 9.3.2, liema sub-artikolu li jaqa' specifikatament taht Sezzjoni 9 intitolata '*Conditions for Payment of Commission and other Remuneration*', jikkontempla li r-rinumerazzjoni ghandha tinghata lill-agent tal-ivjaggar mhux biss fuq it-tariffa applikabbli (il-*fare*) ghal biljett izda ukoll fuq ic-'*charges*' ohra kif huma indikati fl-istess Resoluzzjoni bhal ma hija l-'*fuel surcharge*' li jifforma parti mill-prezz tal-biljett tal-ajru, eskluzi t-taxxi relattivi pagabbli minn kull min ikun jixtieq isiefer minn Malta;

Tali sitwazzjoni hija ferm aktar kritika ghall-agenti tal-ivjaggar meta wiehed jikkonsidra li l-linji tal-ajru, inkluz is-socjeta' intimata, illum jipprovdu servizz ta' bejgh ta' biljetti b'kompetizzjoni diretta mal-istess agenti tal-ivjaggar permezz ta' *electronic ticketing* tramite l-*websites* taghhom;

L-Assocjazzjoni rikorrenti jsostni li apparti li s-socjeta' intimata qed tikser l-imsemmi *Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA), tali agir irresponsabbli da parti tas-socjeta' intimata huwa kkunsidrat ukoll mill-Assocjazzjoni rikorrenti bi ksur tal-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kummercjali u l-principji fundamentali tal-kompetizzjoni gusta;

L-International Air Transport Association (IATA) li suppost hija l-entita' li ghandha tissalvagwardja l-*Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA) f'kull aspett tal-imsemmi kuntratt aktar u aktar meta l-Agenti tal-ivjaggar lokali huma appuntu akkreditati mal-IATA, baqghet passiva fil-konfront tal-ksur lampanti da parti mis-socjeta' intimata;

Nonostante li l-Assocjazzjoni rikorrenti kienet intavolat protest gudizzjarju kontra s-socjeta' intimata li mhux biss baqghet inadempjenti izda injorat ghal kollox dak li dwaru kien imsemmija fil-protest gudizzjarju;

Konsegwenza ta' hekk, l-agenti tal-ivjaggar membri tal-FATTA ser ibatu finanzjarjament minhabba t-tnaqqis fuq imsemmi impost fuqhom mis-socjeta' intimata;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet l-Assocjazzjoni rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-intimati qed jagixxu rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-*Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA), specifikatament Artikolu Numru 9;

Tiddikjara li l-intimati huma unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agir irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi *Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA) hekk specifikat;

Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti;

Tordna u tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz tal-protest gudizzjarju, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta ta’ James Stagno Navarra ghan-nom ta’ British Airways plc li rrisponda illi:

Is-socjeta’ esponenti British Airways plc m’ghandha l-ebda rabta u/jew relazzjoni legali mal-assocjazzjoni rikorrenti u ghalhekk m’hiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

L-Assocjazzjoni rikorrenti m’ghandha l-ebda interess guridiku fil-konfront tas-socjeta’ esponenti dwar il-mertu ta’ din il-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet u r-raba’ talbiet m’humiex sanzjonabbli minn din l-Onorabbli Qorti stante li l-membri individwali tar-rikorrenti

m’humiex identifikati u wisq aktar m’humiex parti f’din il-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti dejjem agixxiet entro i termini tal-IATA u partikolarment tal-PSAA u ghalhekk ma kkagunat l-ebda hsara jew dannu.

It-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimata International Air Transport Association li eccepiet illi:

In linea preliminari, ir-rikorrenti m’ghandux *locus standi* u cioe’ m’ghandux interess guridiku, billi tali interess, jekk jezisti, huwa vestit semmai fil-membri nnifishom fi hdan il-federazzjoni FATTA.

Sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti in kwantu fil-konfront tal-esponenti (IATA) huma infondati fil-fatt u fid-dritt u anzi m’humiex amissibbli u dana billi kull ilment li jirrigwarda l-elementi tal-ftehim ta’ bejn l-esponenti u d-diversi membri fi hdan FATTA, kellhom, *ad validitatem*, isegwu proceduri specifici u cioe’ kellhom jigu riferuti lit-*Travel Agency Commissioner*.

Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti (IATA) jeccepixxi nuqqas ta’ guridizzjoni *ratione materie* u dana l-kaz kellu jigi intavolat quddiem id-Direttur li jmexxi l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta, ai termini tal-artiklu 12 tal-Kapitlu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta, kwindi;

Sussidjarjament u bla pregudizzju, l-esponenti (IATA) m’huwiex parti fil-ftehim ossia kuntratt imsemmi mir-rikorrenti u cioe’ il-*Passenger Sales Agency Agreement* (PSAA) liema ftehim huwa l-qofol tal-kwistjoni u kwindi ma hemm ebda ness legali emanenti minn dan il-ftehim fil-konfront tal-esponenti (IATA) u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-allegati obbligi u/jew dmirijiet addebitati lill-esponenti (IATA), ma jirrizultaw minn imkien kemm mill-ftehim ta' bejn l-esponenti (British Airways plc) u d-diversi membri fi hdan FATTA kif ukoll mir-*Resolutions* iccitati bejn l-esponenti (IATA) u l-istess diversi membri fi hdan FATTA;

Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti, in kwantu fil-konfront tal-esponenti (IATA) huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti billi fi kwalunkwe kaz kull kwistjoni li tirrigwarda remunerazzjoni ossia livelli ta' remunerazzjoni huma espressament eskluzi mid-doveri u/jew obbligi da parti tal-esponenti (IATA).

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu, il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar it-tielet eccezzjoni tal-Assocjazzjoni Intimata.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-assocjazzjoni attrici.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-eccezzjoni, l-International Air Transport Association qieghda tissolleva nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' u tiddeciedi din il-kawza peress illi l-materja hija wahda rizervata ghall-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta a tenur tal-Art. 12 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' rikorrenti qed tirreklama danni minghand l-intimati minhabba agir irregolari da parti taghhom. Bhala tali, huwa ben not li hija din il-Qorti li ghandha l-poter skond il-ligi tisma' u taqta' l-kawza.

Madanakollu l-Art. 27 tal-Kap. 379 testwalment jiddisponi illi:

"*Meta quddiem xi qorti ta' gurisdizzjoni civili jigi allegat li xi ftehim jew decizjoni huma nulli u mhux ezegwibbli skond l-*

*artikolu 5 ta' dan l-Att u, jew l-Att 101 tat-TFUE jew, meta jigi allegat li jkun hemm abbuz minn pozizzjoni dominanti, skond l-artikolu 9 ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 102 tat-TFUE, dik il-qorti ghandha tissospendi l-proceduri u titlob lid-Direttur Generali sabiex jipprezenta rapport fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajma quddiemha u l-qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' dak ir-rapport fil-konsiderazzjonijiet taghha u ukoll sottomissjoni dwaru maghmula mill-partijiet u mid-Direttur Generali qabel ma jigi deciz il-kaz.*"

Minn ezami tar-rikors promotur u l-allegazzjonijiet hemm imfissra, jidher li l-materja ta' dawn il-proceduri jinkwadraw ruhhom fic-cirkostanzi tal-fuq citat Art. 27(1).

F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Geoffrey Valenzia fit-3 ta' Ottubru 2008 fil-kawza "Federated Association of Travel and Tourism Agents vs. Deutsche Lufthansa AG et".

Fil-kaz odjern ukoll, ir-rikorrenti qed tallega prattici anti-kompetittivi da parti tal-intimati kif previst fl-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 379.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tordna s-sospensjoni ta' dawn il-proceduri u tirreferi l-materja dwar ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi.

Il-kawza tibqa' differita sine die riappuntabbli wara li tinghata d-decizjoni mill-kummissjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------